31996R0411

L 57/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.3.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KEE) Nru 411/96

tas-6 ta' Marzu 1996

dwar regoli dettaljati ta' applikazzjoni għar-rigward ta' liċenzi ta' importazzjoni għal ħafur li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1004 00 00

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3093/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 li jipprovdi r-rati tad-dazju li għandhom jiġu applikati mill-Komunità b'riżultat ta' negozjati taħt l-Artikolu XXIV (6) tal-GATT b'konsegwenza ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar il-konklużjoni tan-negozjati bejn il-Komunità u l-Awstrija skond l-Artikolu XXIV (6) tal-GATT, il-Komunità intrabtet li tistabbilixxi għal kull sena ta' *marketing* b'effett mill-1 ta' Jannar 1996 kwota tat-tariffa ta' dritt ta' ECU 89 kull tunellata, għal 21 000 tunellati ta' ħafur koperti bil-kodiċi NM 1004 00 00, ta' piż minimu speċifiku ta' 55 kg/hl, ta' kontenut ta' umdità massimu ta' 12 % u b'kontenut massimu ta' impuritajiet ta' qamħ ta' 2 %;

Billi dawk l-importazzjonijiet huma suġġetti għal wiri ta' liċenza ta' importazzjoni; billi hu meħtieġ li jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ ta' dawk il-liċenzi;

Billi l-amministrazzjoni tajba ta' l-importazzjonijiet teħtieġ l-introduzzjoni ta' sistema ta' garanziji; billi, minħabba ċ-ċans ta' spekulazzjoni li tinsab fis-sistema bħala riżultat tad-dritt imnaqqas, għandu jiġi ristrett l-aċċess għall-importazzjonijiet in kwistjoni għal operaturi li jkunu għamlu garanzija għall-importazzjoni ta' qamħirrun, li jagħtu prova li jkunu għamlu attività kummerċjali fis-settur taċ-ċereali għal mill-inqas tnax-il xahar u li jkunu reġistrati fl-Istat Membru li fih tkun ingħatat l-applikazzjoni;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. L-importazzjoni, kull sena ta' *marketing*, ta' 21 000 tunellati ta' qamħirrun kopert bil-kodiċi NM 1004 00 00, li jkollu piż minimu speċifikat ta' 55 kg/hl, kontenut ta' umidità massimu ta' 12 % u kontenut massimu ta' qamħ ta' ċereali minbarra qamħirrun ta' 2 %, eliġibbli għal dritt ta' importazzjoni ta' ECU 89 kull tunellata skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 3093/95, għandu jkun suġġett għall-ħruġ ta' liċenza ta' importazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Iżda, il-kwantità li għandha tkun importata matul is-sena ta' *marketing* 1995/96 għandha tkun ta' 10 500 tunellati.

2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 (2) għandhom ikunu applikabbli, sakemm mhux dikjarat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

1. Applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni taħt il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jiġu aċċettati biss jekk akkumpanjati bi:

— prova li l-applikant hu persuna fiżika jew legali li jkun għamel attività kummerċjali fis-settur taċ-ċereali għal mill-inqas tnax-il xahar u li tkun reġistrata fl-Istat Membru li fih tkun ingħatat l-applikazzjoni,

— prova li garanzija ta' ECU 5 kull tunellata tkun saret ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru in kwistjoni, maħsuba li tistabbilixxi l-bona fede ta' l-applikant,

— dikjarazzjoni bil-miktub ta' l-applikant li jagħmel mal-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru konċernat fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera ta' 0 garanzija li tirreferi għall-prestazzjoni ta' l-importazzjoni ta' ammont daqs dak tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 (3) applikabbli fid-data ta' l-applikazzjoni, ECU 89 inqas.

2. Applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni għandhom jingħataw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sat 13.00 (ħin ta' Brussel) fit-tieni Tnejn tax-xogħol ta' kull xahar.

Iżda, applikazzjonijiet għal liċenzi għal importazzjoni ta' qamħ koperti bil-kodiċi NM 1004 00 00 ta' kwalità li tikkonforma mad- dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 li jkunu daħlu bejn l-1 ta' Jannar 1996 u d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jitqiesu li jkunu saru skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, Stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-telex, telefax jew telgramm fi żmien 15-il ġurnata mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bil-kwantitajiet li jkunu jinsabu fl-applikazzjonijiet għal liċenzi għall-importazzjoni ta' qmuħ ta' kwalità li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 matul il-perjodu msemmi hawn fuq. Billi liċenzi ta' importazzjoni kienu maħruġa fil-perjodu hawn fuq imsemmi, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw fl-istess limitu tal-ħin il-kwantitajiet li għalihom importaturi jistgħu jippruvaw permezz ta' kuntratt ta' xiri jew ċertifikat ta' kwalità li l-kwalità impurtata jew li tkun ser tiġi importata tkun skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1. Fuq il-bażi tal-kwantitajiet hekk notifikati, il-Kummissjoni għandha, meta jkun meħtieġ, tapplika d-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-tieni sub-paragrafu tal-paragrafu 4.

Applikazzjonijiet għal liċenza jistgħu ma jkunux jirreferu għal kwantità li teċċedi l-kwantità disponibbli għall-importazzjoni tal-prodott in kwistjoni matul is-sena tal-marketing in kwistjoni.

3. Stati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-telex, telefax jew telegramm sat-18.00 (ħin ta' Brussel) dwar l-aktar data tard għas-sottomissjoni, ta' l-informazzjoni dwar kwantità li tkun tinsab fl-applikazzjoni għal liċenzi ta' importazzjoni.

Dik l-informazzjoni trid tkun notifikata separatament minn informazzjoni li tirreferi għal applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' importazzjoni ta' ċereali.

4. Jekk applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni jeċċedu l-kwantitajiet ta' kwoti disponibbli f'kull sena ta' marketing, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjent ta' riduzzjoni waħdanija għall-kwantitajiet li jkunu saru applikazzjonijiet għalihom sa mill-inqas it-tielet jum tax-xogħol wara li jkunu saru l-applikazzjonijiet. Applikazzjonijiet għal liċenza jistgħu jiġu rtirati sa ġurnata tax-xogħol wara d-data li fiha l-koeffiċjent ta' riduzzjoni waħdanijaikun stabbilit.

Fil-każ li t-total ta' applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni sottomessi bejn l-1 ta' Jannar 1996 u d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u tal-liċenzi maħruġa matul dak il-perjodu u notifikat lill-Kummissjoni skond it-tieni sub-paragrafu tal-paragrafu 2 jeċċedi l-kwantità provduta fit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 1(1), il-Kummissjoni għandha tapplika koeffiċjent ta' riduzzjoni għall-kwantitajiet li għalihom kull wieħed mill-applikazzjonijiet u liċenzi jirreferu. Fil-każ ta' liċenzi diġa maħruġa, id-dritt imnaqqas imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jgħodd fir-rigward tal-kwantità li tirriżulta u d-dritt ta' importazzjoni li jkun fis-seħħ fil-ġurnata li fiha formalitajiet doganali jkunu lesti għandu jiġi applikat għall-bilanċ li jibqa' sal-kwantità li għaliha l-liċenza tkun inħarġet.

5. Minħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-liċenzi għandhom jinħarġu fil-ħames jum tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet sottomessa.

6. B'deroga mill-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-perjodu ta' validità tal-liċenza għandu jiġi kkalkulat b'effett mid-data li fiha tkun attwalment ġiet maħruġa.

L-Artikolu 3

B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 (4), liċenzi ta' importazzjoni huma validi b'effett mill-ġurnata li fiha jkunu nħarġu sat-tmiem tat-tielet xahar wara dak li fih il-liċenza tkun inħarġet.

L-Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-kwantità rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera ma tistax teċċedi dik indikata fit-taqsimiet 17 u 18 tal-liċenza ta' importazzjoni. Għal dak il-għan, iċ-ċifra '0', għandha titniżżel fit-taqsima 19 tal-liċenza.

2. Fil-każ ta' prodotti li għandhom jiġu impurtati skond id-dritt doganali provdut fl-Artikolu 1, il-liċenza ta' applikazzjoni u l-liċenza ta' importazzjoni għandhom jinkludu:

— fit-taqsima 8, l-isem tal-pajjiż ta' oriġini tal-prodott in kwistjoni,

— fit-taqsima 20, wieħed minn dawn l-indikazzjonijiet:
  — Reglamento (CE) nº 411/96
  — Forordning (EF) nr. 411/96
  — Verordnung (EG) Nr. 411/96
  — ονισμοςm (ΕΚ) αρι. 411/96
  — Regolament (EC) Nru 411/96
  — Règlement (CE) nº 411/96
  — Regolamento (CE) n. 411/96
  — Verordening (EG) nr. 411/96
  — Regulamento (CE) nº 411/96
  — Asetus (EY) N:o 411/96
  — Förordning (EG) nr 411/96,

— fit-taqsima 24, wieħed minn dawn l-indikazzjonijiet:
  — Derecho de 89 ecus/tonelada. Contingente arancelario de avena del código NC 1004 00 00
  — Told 89 ECU/ton, toldkontingent for havre henhørende under KN-kode 1004 00 00
  — Zollsatz 89 ECU/t. Zollkontingent für Hafer des KN-Codes 1004 00 00
  — Δασμος 89 Ecu/τονο. Δασμολογικη ποσοστωση βρωμης κωδικου ΣΟ 1004 00 00
  — Rata ta' dritt ta' ECU 89/t. Kwota tat-tariffa għal qmuħ koperti bil-kodiċi NM 1004 00 00
  — Taux de droit 89 écus/t. Contingent tarifaire d'avoine du code NC 1004 00 00
  — Aliquota del dazio: 89 ECU/t. Contingente tariffario di avena del codice NC 1004 00 00
  — Invoerrecht van 89 ecu per ton. Tariefcontingent voor haver van GN-code 1004 00 00
  — Taxa de direito 89 ECU/tonelada. Contingente pautal de aveia do código NC 1004 00 00
  — Tulli 89 ecua/t. CN-koodiin 1004 00 00 kuuluvan kauran kiintiö
  — Tullsats 89 ecu/ton. Tullkvot för havre som omfattas av KN-nummer 1004 00 00.

Il-liċenza għandha tindika l-obbligazzjoni li ssir importazzjoni mill-pajjiż imsemmi fit-taqsima 8 tal-liċenza ta' importazzjoni.

L-Artikolu 5

1. Il-garanzija tal-bona fidi msemmina fit-tieni inċiżta' l-Artikolu 2(1) għandha tiġi rilaxxata mal-ħruġ tal-liċenza.

2. Il-garanzija ta' importazzjoni msemmija fit-tielet inċiz ta' l-Artikolu 2(1) għandha tiġi rilaxxata meta teżisti prova li l-kondizzjonijiet ta' kwalità stabbiliti jkunu milħuqa għall-kwantitajiet impurtati fil-perjodu ta' validità tal-liċenza ta' importazzjoni.

3. Il-prova msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata mill-entità responsabbli għal kontrolli fl-Istat Membru importatur.

4. L-awtorità doganali fl-Istat Membru importatur għandha tieħu b'mod separat kampjuni rappreżentattivi fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità u għandha żżommhom għal mill-inqas sitt xhur għas-spejjeż tal-Kummissjoni.

5. L-ispejjeż ta' kontrolli u kampjuni għandhom jitħallsu minn dak li tinħariġlu l-liċenza ta' importazzjoni.

6. Il-metodi ta' riferenza għall-iċċekkjar biex tiġi stabbilita l-kwalità tal-qmuħ importati kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom ikunu dawk deskritti fir-Regolament (KEE) Nru 1908/84 (5).

L-Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1996.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul ġewwa Brussel, fis-6 ta' Marzu 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni